MALTA RESOURCES AUTHORITY

**MRA/PR 01/06**

**<u>Stqarrija Stampa</u>**

## *IL-FUEL SURCHARGE FUQ L-ELETTRIKU*

Kif tħabbar f'Novembru 2005 ir-reviżjoni tar-rata ta' *fuel surcharge* fuq il-konsum ta' l-elettriku pprovdut mill-Enemalta tinħadem fuq il-prezz li l-Enemalta tkun ħallset għall-aħħar kunsinnji tal-prodotti meta dawn jiġu importati minn barra l-pajjiż. Dan il-prezz jiddependi kemm mill-prezz fis-swieq internazzjonali taż-żejt kif ukoll mir-rata ta' kambju bejn id-Dollaru Amerikan u l-Euro.

Mill-aħħar reviżjoni li saret fl-aħħar ta' April 2006 il-prezzijiet internazzjonali taż-żjut li jintużaw għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku matul Mejju u Ġunju 2006 mxew kif ġej:






L-Enemalta tuża l-Fuel Oil għal madwar 90% mill-bżonnijiet tagħha u l-Gas Oil għal madwar 10%.

Bir-rata tal-prezzijiet tal-lum, u fuq il-bażi tal-konsum ta' l-elettriku f'Marzu u April 2006, hu stmat li l-fuel *surcharge* li għandha tingabar din is-sena hi ta' Lm39,464,560. Fuq din il-bażi, u mingħajr sussidju tal-Gvern, is-*surcharge* suppost tkun ta' 81.02%.

F'Ottubru 2005 il-Gvern kien introduċa sussidju tranżitorju ta' 29% tnaqqis mis-*surcharge* biex ittaffi l-impatt ta' l-introduzzjoni tas-*surcharge* liema sussidju kellu jitnaqqas kull xahrejn b'rata ta' 2.42%.wara li jiġu wkoll ikkunsidrat il-prezz taż-żejt li tkun qed tħallas l-Enemalta.

Għalhekk, wara li ikkunsidrat iż-żieda fil-prezz taż-żejt fis-swieq internazzjonali f'dawn l-aħħar xahrejn l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi qed tippublika din il-bidla fis-*surcharge* għall-perijodu Lulju - Awwissu 2006

| **Perijodu** | **Surcharge** |
|---|---|
| Mejju -Gunju | 64% |
| Lulju - Awwissu | 62% |

30.06.2006